VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,160, 1 ta' Novembru, 2013*
*Taqsima B*

**A.L. 361 tal-2013**

## ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (KAP. 372)

### Regoli tal-2013 dwar Maħfra ta' Mgħax

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 44(2D) u 58 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa r-Regoli tal-2013 dwar Maħfra ta' Mgħax.

Maħfra.

**2.** Il-Kummissarju jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jaħfer kull imgħax jew parti minnu impost fuq xi persuna taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44(2A) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att":

Iżda l-Kummissarju jista' biss jaħfer l-imgħax jekk ikun sodisfatt li t-taxxa dovuta ma tħallsitx fiż-żmien kif suppost minħabba kawża raġonevoli, b'dan illi l-fatt li titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex twettaq xi biċċa xogħol ma jitqiesx bħala kawża raġonevoli.

Kundizzjonijiet.

**3.** (1) Il-Kummissarju jista' jimponi kull kundizzjoni li jidhirlu xierqa għall-maħfra taħt ir-regola 2, inkluż li l-persuna kkonċernata ma tkunx għamlet xi nuqqas jew ommissjoni f'dak iż-żmien li l-Kummissarju jista' jistabbilixxi jew li l-imsemmija persuna għandha tagħmel ħlas ta' taxxa f'dak l-ammont f'dak iż-żmien li l-Kummissarju jista' jiddetermina.

(2) Jekk xi kundizzjoni imposta mill-Kummissarju skont id-dispożizzjonijiet tas-subregola (1) tiġi miksura mill-persuna kkonċernata, kull maħfra ta' mgħax mogħtija mill-Kummissarju tiġi mitlufa.

(3) Il-Kummissarju għandu jikkomunika bil-miktub lill-persuna kkonċernata kull kundizzjoni imposta skont is-subregola (1), il-konsekwenzi jekk xi kundizzjoni skont is-subregola (2) tiġi miksura u, fejn dan ikun il-każ, il-fatt tat-telfa tal-maħfra.

(4) L-użu tad-diskrezzjoni taħt din ir-regola ma tistax tiġi kwerelata f'xi appell.

Twaqqif tal-imgħax.

**4.** Imgħax impost skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 44(2A) tal-Att fuq l-ammont ta' taxxa li għandha titħallas skont

VERŻJONI ELETTRONIKA



ftehim ta' pagament ta' mhux iżjed minn sentejn jieqaf milli jkompli jiżdied mid-data meta persuna tidħol fil-ftehim ta' pagament:

Iżda jekk il-maħfra ma ssirx minħabba f'nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tar-regola 2, l-imgħax jiġi impost daqslikieku qatt ma twaqqaf.

Tpaċija.

**5.** Fejn persuna tkun ibbenifikat minn maħfra ta' mgħax skont dawn ir-regoli, il-Kummissarju jista' jaqta' ammont ekwivalenti għall-imgħax maħfur minn kull imgħax fuq rifużjoni ta' taxxa li jista' jkun dovut lil dik il-persuna fi żmien sitt snin mid-data li fiha sseħħ il-maħfra tal-imgħax taħt dawn ir-regoli.

Dikjarazzjoni ta' ċaħda.

**6.** Xejn milli hawn f'dawn ir-regoli ma jagħti dritt lil xi persuna biex titlob għal rifużjoni ta' xi ammont ta' mgħax diġà mħallas lill-Kummissarju taħt id-dispożizzjonijiet tal-Atti dwar it-Taxxi.